

Brussell, 17 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16991/24

CLIMA 461
ENV 1237
ENER 610
TRANS 552
SAN 724
AGRI 893
FORETS 274
FIN 1133
ECOFIN 1508

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 17 ta' Diċembru 2024

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 16579/24 + COR 1

Suġġett: Ir-Rapport Speċjali Nru 15/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu
“L-adattament għat-tibdil fil-klima fl-UE - L-azzjoni mhijiex tlaħħaq mal-
ambizzjoni”
- Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq,
kif approvati mill-Kunsill fl-4071 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Diċembru 2024.

Ir-Rapport Speċjali Nru 15/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "L- adattament għat- tibdil fil- klima fl- UE - L- azzjoni mhijiex tlaħħaq mal-ambizzjoni"

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹;

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 15/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "L- adattament għat-tibdil fil-klima fl-UE - L-azzjoni mhijiex tlaħħaq mal-ambizzjoni";
2. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali, kif ukoll tat-tweġibiet għalih mill-Kummissjoni;
3. JESPRIMI t-tħassib serju tiegħu dwar l-intensità u l-frekwenza dejjem jiżdiedu ta' avvenimenti ta' temp estrem fl-UE u madwar id-dinja, fosthom mewġiet ta' sħana, nirien fis-selvaġġ, nixfa u għargħar; JIRRIKONOXXI l-importanza dejjem akbar tat-titjib tal-kapaċità ta' adattament, it-tisħiħ tar-reżiljenza u t-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;
4. JENFASIZZA l-importanza tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima biex jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima u JFAKKAR fil-mira tal-UE għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' tnaqqis domestiku nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990 sal-2030 u l-impenn tagħha li tikseb newtralità klimatika sal-2050;

¹ 7515/00 + COR 1

5. JILQA' s-sejba tar-Rapport Speċjali li l-UE għandha qafas sod u komprensiv għall-adattament għat-tibdil fil-klima, li jinkludi b'mod partikolari l-Istrateġija ta' Adattament tal-UE² kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima³ u r-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija⁴; JISSOTTOLINJA t-tkomplija tal-isforzi mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jipprevjenu u jnaqqsu r-riskji relatati mal-klima, kif rifless fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Adattament tal-UE u tal-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament tal-Istati Membri, u l-promozzjoni tal-Missjoni Ewropea dwar l-Adattament;
6. JILQA' l-ewwel rapport tal-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa (EUCRA)⁵ u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni tar-Riskji Klimatiċi⁶ u JQIS li ser jappoġġaw l-identifikazzjoni ta' prioritajiet politiċi relatati mal-adattament fl-Ewropa u l-iżvilupp tal-politika f'setturi sensittivi għall-klima; JILQA' wkoll ir-rapport ta' Niinistö li jiffoka fuq il-preparatezza u l-istat ta' tħejjija għal kriżijiet futuri;
7. JISĦAQ fuq il-bżonn li tiġi promossa n-natura sistemika tal-adattament billi jiġu integrati l-adattament, ir-riskji klimatiċi, ir-reżiljenza u l-preparatezza għat-tibdil fil-klima u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tintegra r-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima fil-leġislazzjoni u l-politiki rilevanti kollha, bil-ħsieb li tiġi żgurata azzjoni integrata u aktar effettiva u proattiva dwar il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi; JENFASIZZA li tali integrazzjoni hija kruċjali biex jiġi miġġieled it-theddid dejjem jikber tat-tibdil fil-klima u biex jiġi evitat l-adattament ħażin; JISTENNA B'INTERESS il-pubblikazzjoni li jmiss tal-pjan Ewropew ta' adattament għat-tibdil fil-klima u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tikkollabora b'mod attiv mal-Istati Membri fl-iżvilupp tiegħu;

² 6521/21

³ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"), ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1.

⁵ Rapport 1/2024 tal-EEA (<https://www.eea.europa.eu/publications/european-climate-risk-assessment>)

⁶ 7732/24

8. IFAKKAR li, skont it-Trattati, il-Kummissjoni hija l-istituzzjoni li tissorvelja l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; JENFASIZZA wkoll li l-Kummissjoni tipprovdi valutazzjonijiet regolari tal-progress kollettiv tal-Istati Membri dwar l-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima fir-Rapport ta' Progress tal-UE dwar l-Azzjoni Klimatika;
9. IFAKKAR, barra minn hekk, li filwaqt li l-UE tipprovdi qafas ġenerali komuni dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu dwar il-miżuri ta' adattament konkreti; JISSOTTOLINJA r-rwol ċentrali ta' strateġiji u pjanijiet ta' adattament nazzjonali olistiċi, inklużivi, u implimentati b'mod effettiv; JENFASIZZA li l-livelli lokali u reġjonali għandhom ikunu fiċ-ċentru tal-ippjanar tal-adattament; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tkompli tipprovdi għarfien, edukazzjoni u informazzjoni komplementari dwar prattiki tajba u dwar l-aħjar prattiki u dwar soluzzjonijiet innovattivi għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri;
10. JILQA' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex jittejjeb ir-rappurtar dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u JĦEĠĠEĠ il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet eżistenti; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri, għodod effiċjenti għall-monitoraġġ tal-progress lejn il-preparatezza għar-riskji fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali; IQIS li l-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq indikaturi ċari żviluppati f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri biex jiġi żgurat li dawn jirriflettu l-ispeċifità ta' reġjonali u lokali kif ukoll li titqies il-ħidma fuq indikaturi komuni fil-livell multilaterali, b'mod partikolari fil-qafas tal-programm ta' ħidma Emirati Għarab Magħquda-Belem;
11. JINNOTA, barra minn hekk, l-impenn tal-Kummissjoni li tirrieżamina l-proċessi ta' governanza eżistenti; JAQBEL dwar l-importanza li jiġu promossi s-sinerġiji mal-proċessi eżistenti u l-obbligi ta' rappurtar fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali filwaqt li nibnu fuq l-esperjenza u l-prattika nazzjonali; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tal-proċessi jew tar-rekwiżiti u li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv;

12. JILQA' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti dwar li jsir użu aħjar mill-għodod tal-UE, bħall-portal Climate-ADAPT, Copernicus u l-Patt tas-Sindki tal-UE, bil-għan li jintlaħqu aħjar il-komunitajiet lokali; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex b'mod progressiv tagħmel il-portal Climate-ADAPT disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u taħdem mal-Istati Membri biex tgħaqqad aħjar l-għodod u l-proċessi eżistenti tal-UE u dawk nazzjonali biex jiġu żgurati s-sinerġiji u l-koordinazzjoni bejniethom; IĦEĠĠEĠ il-kondiviżjoni tal-għarfien u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien biex itejbu l-komunikazzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajba u tal-aħjar prattiki dwar l-adattament u jippromwovu l-aċċess tal-awtoritajiet reġjonali u lokali għal data u għodod eżistenti relatati mal-adattament kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali;
13. JISSOTTOLINJA l-bżonn li jiġi żgurat finanzjament koerenti u adegwat kemm minn sorsi pubbliċi kif ukoll privati sabiex tiġi aċċellerata l-azzjoni ta' adattament; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipprovdi soluzzjonijiet u eżempji ta' prattiki tajba u tal-aħjar prattiki fil-kuntest tal-finanzjament ta' miżuri ta' adattament kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tivvaluta l-opzjonijiet politiċi biex tnaqqas id-distakk fil-protezzjoni kontra l-effetti tal-klima.
-